

KONTROLLUR EWROPEW GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

Sommarju eżekuttiv tal-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data dwar il-proposti tal-Kummissjoni għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifika statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, u għal Regolament dwar rekwiżiti speċifiċi dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku

(It-test sħiħ ta' din l-Opinjoni jista' jinstab bl-EN, FR u DE fuq il-websajt tal-KEPD <http://www.edps.europa.eu>)

(2012/C 336/04)

Introduzzjoni

Konsultazzjoni tal-KEPD

1. Fit-30 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat proposta li tikkonċerna emendi għad-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifika statutorji ⁽¹⁾. L-emendi għad-Direttiva 2006/43/KE jikkonċernaw l-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' awdituri u ditti tal-awditjar, il-prinċipji rigward l-etika professjonali, is-segretezza professjonali, l-indipendenza u r-rapportar kif ukoll ir-regoli assoċjati dwar is-supervizzjoni. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat proposta għal Regolament dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku ⁽²⁾, li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-twettiq tat-tali awditjar (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament propost"). Dawn il-proposti ntbagħtu lill-KEPD għal konsultazzjoni fis-6 ta' Diċembru 2011.

2. Il-KEPD jilqa' l-fatt li huwa kkonsultat mill-Kummissjoni u jirrakkomanda li fil-preambolu tad-Direttiva tiġi inkluża referenza għal din l-Opinjoni. Diġà ġiet inkluża referenza għall-konsultazzjoni tal-KEPD fil-preambolu tar-Regolament propost.

3. F'din l-Opinjoni, il-KEPD jindirizza kwistjonijiet relatati mad-Direttiva 2006/43/KE li jmorru lil hinn minn dak kopert mill-emendi proposti. Jisħaq fuq l-implikazzjonijiet potenzjali għall-protezzjoni tad-data tad-Direttiva stess ⁽³⁾. L-analiżi ppreżentata f'din l-Opinjoni hija direttament relevanti għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti u għal proposti pendenti u possibbli oħrajn fil-ġejjieni li jkun fihom dispożizzjonijiet simili, bħal dawk diskussi fl-Opinjoni tal-KEPD fuq il-pakkett leġiżlattiv dwar ir-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni bankarja, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (MiFID/MiFIR) u l-abbuż tas-suq ⁽⁴⁾. Għaldaqstant, il-KEPD jirrakkomanda li din l-Opinjoni tinqara flimkien mal-Opinjoni tiegħu tal-10 ta' Frar 2012 dwar l-inizjattivi msemmija hawn fuq.

Għanijiet u kamp ta' applikazzjoni tal-proposta

4. Il-Kummissjoni tqis lid-ditti tal-awditjar bħala atturi li kkontribwew għall-kriżi finanzjarja, u tfittex li tindirizza r-rwol tal-awdituri fil-kriżi – jew tabilħaq ir-rwol li missu kellhom. Il-Kummissjoni tiddikkjara wkoll li awditjar robust huwa fundamentali biex jerġgħu jinbnew il-fiduċja u l-kunfidenza fis-suq.

5. Il-Kummissjoni ssemmi wkoll li huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-awdituri huma fdati mil-liġi sabiex iwettqu awditjar statutorju tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-kumpaniji li jgawdu minn responsabilità limitata u/jew li huma awtorizzati jipprovdu servizzi fis-settur finanzjarju. Din il-fiduċja twieġeb għat-twettiq tar-rwol soċjali ta' għoti ta' opinjoni dwar il-verità u l-korrettezza tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji ta' dawk il-kumpaniji.

⁽¹⁾ COM(2011) 778.

⁽²⁾ COM(2011) 779.

⁽³⁾ Il-KEPD ma ġiex ikkonsultat mill-Kummissjoni dwar il-proposta għal Direttiva 2006/43/KE dwar l-awditjar statutorju; id-Direttiva stess ġiet adottata fis-17 ta' Mejju 2006.

⁽⁴⁾ L-Opinjoni tal-KEPD tal-10 ta' Frar 2012, disponibbli fuq <http://www.edps.europa.eu>

6. Fl-aħħar, skont il-Kummissjoni, il-kriżi finanzjarja xeħet daw l fuq dgħufijiet fl-awditjar statutorju speċjalment fir-rigward tal-Entitajiet ta' Interess Pubbliku (PIE - Public Interest Entities). Dawn huma entitajiet ta' interess pubbliku notevoli minħabba n-negozju, id-daqs u n-numru ta' impjegati jew l-istatus korporattiv tagħhom, inkella għaliex għandhom firxa wiesgħa ta' partijiet interessati.

7. Biex tindirizza dan it-tħassib, il-Kummissjoni ppubblikat proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2006/43/KE dwar il-verifiki statutorji, li tikkonċerna l-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' awdituri u ditti tal-awditjar, il-prinċipji dwar l-etika professjonali, is-segretezza professjonali, l-indipendenza u r-rapportar kif ukoll ir-regoli dwar is-superviżjoni assoċjati. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll Regolament ġdid dwar l-awditjar statutorju ta' entitajiet ta' interess pubbliku li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-tweġġ ta' awditjar bħal dan.

8. Il-Kummissjoni tipproponi li d-Direttiva 2006/43/KE għandha tapplika f'sitwazzjonijiet mhux koperti mir-Regolament propost. Għaldaqstant, huwa importanti li tiġi introdotta separazzjoni ċara bejn iż-żewġ testi legali. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet attwali fid-Direttiva 2006/43/KE relatati biss mat-tweġġ tal-awditjar statutorju fuq id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali u kkonsolidati tal-entitajiet ta' interess pubbliku jiddaħħlu u jiġu emendati kif xieraq fir-Regolament propost.

Skop tal-Opinjoni tal-KEPD

9. F'ċerti każijiet, l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-qafas legali għall-awditjar statutorju jistgħu jaffettwaw id-drittijiet tal-individwi relatati mal-ipproċessar tad-data personali tagħhom. Id-Direttiva 2006/43/KE fl-għamla attwali u emendata tagħha u r-Regolament propost fihom dispożizzjonijiet li jista' jkollhom implikazzjonijiet għall-protezzjoni tad-data għall-individwi kkonċernati.

Konklużjonijiet

46. Il-KEPD huwa sodisfatt bl-attenzjoni mogħtija b'mod speċifiku għall-protezzjoni tad-data fir-Regolament propost, iżda identifika lok għal xi titjib.

47. Il-KEPD jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

- għandu jinkiteb mill-ġdid l-Artikolu 56 tar-Regolament propost u tiddaħħal dispożizzjoni fid-Direttiva 2006/43/KE li tenfasizza l-applikabilità sħiħa tal-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-protezzjoni tad-data u li tiegħu post il-bosta referenzi fl-artikoli differenti tar-Regolament propost b'dispożizzjoni ġenerali waħda li tirreferi għad-Direttiva 95/46/KE kif ukoll għar-Regolament (KE) Nru 45/2001. Il-KEPD jissuġġerixxi li tiġi ċċarata r-referenza għad-Direttiva 95/46/KE billi jiġi speċifikat li d-dispożizzjonijiet se jrin japplikaw b'konformità mar-regoli nazzjonali li jimplementaw id-Direttiva 95/46/KE;
- jiġi speċifikat it-tip ta' informazzjoni personali li tista' tiġi pproċessata skont id-Direttiva 2006/43/KE u r-Regolament propost, sabiex jiġu definiti l-iskopijiet li għalihom tista' tiġi pproċessata data personali mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati u jiġi stabbilit perjodu ta' żamma ta' data preċiż, neċessarju u proporzjonat għat-tali pproċessar;
- fir-rigward tar-riskji kkonċernati rigward it-trasferimenti ta' data lejn pajjiżi terzi, il-KEPD jirrakkomanda li fl-Artikolu 47 tad-Direttiva 2006/43/KE jingħad ukoll li fin-nuqqas ta' livell adegwat ta' protezzjoni, għandha ssir evalwazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ. Jirrakkomanda wkoll li tiġi inkluża referenza simili u l-evalwazzjoni fuq bażi ta' każ b'każ fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament propost;
- il-perjodu minimu ta' żamma ta' data ta' ħames snin fl-Artikolu 30 tar-Regolament jinbidel f'perjodu massimu ta' żamma. Il-perjodu magħżul għandu jkun neċessarju u proporzjonat għall-iskop li għalih tkun ipproċessata d-data;
- jissewma' l-iskop tal-pubblikazzjoni tas-sanzjonijiet fl-Artikoli kkonċernati fid-Direttiva 2006/43/KE u fir-Regolament propost u jiġu spjegati n-neċessità u l-proporzjonalità tal-pubblikazzjoni kemm fil-premessi tad-Direttiva 2006/43/KE kif ukoll f'dawk tar-Regolament propost. Jirrakkomanda wkoll li l-pubblikazzjoni għandha tiġi deċiża fuq bażi ta' każ b'każ u li għandha tingħata l-possibilità li tiġi ppubblikata inqas informazzjoni minn dik li hemm b'żonn bħalissa;

- jiġi pprovdut għal salvagwardji adegwati rigward il-pubblikazzjoni mandatorja ta' sanzjonijiet u jiġi żgurat rispettu tal-preżunzjoni ta' innoċenza, id-dritt tal-persuni kkonċernati li jappellaw, is-sigurtà/il-preċiżjoni tad-data u t-tassir tagħha wara perjodu ta' żmien adegwat;
- tiżdied dispożizzjoni fl-Artikolu 66(1) tar-Regolament propost li tgħid li: "l-identità ta' dawn il-persuni għandha tkun garantita fl-istadji kollha tal-proċedura, sakemm id-divulgazzjoni ma tkunx meħtieġa mill-liġi nazzjonali fil-kuntest ta' investigazzjoni ulterjuri jew proċeduri ġudizzjarji sussegwenti";
- jitneħħa l-kliem 'mal-prinċipji stabiliti' mill-Artikolu 66(1)(c) tar-Regolament propost.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' April 2012.

Giovanni BUTTARELLI
Assistent Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni
tad-Dejta
